MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 87/2001/1

Carmela mart Salvu Bonello l-istess Salvu Bonello ghal kull interess li jista' jkollu . .

vs

Joseph Sultana, u b'degriet tat-22 ta' Marzu, 2002, il-gudizzju gie trasfuz f'isem George u Rosa konjugi Sultana minflok Joseph Sultana li miet fil-mori tal-kawza .

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-esponenti rrendiet kuri, servigi u assistenzi lill-konvenut billi haduh id-dar maghhom fir-residenza taghhom numru 73, Triq San Anton Xaghra, Ghawdex, u damu jduru bih mid-data tat-8 ta' Jannar, 2001 sa meta l-konvenut iddecieda li jitlaq u jmur jghix ma' familja ohra fl-14 ta' Settembru, 2001 .

Illi dawk is-servigi, kuri u assistenzi kienu jikkonsistu f'ikel ta' kuljum, hasil ta' hwejjeg, kuri u assistenzi fizici, qadi ta' qadjiet bhal ma huma xiri ta' medicini, u flus tal-pensjoni u qadjiet ohrajn affini .

Illi nvoluti wkoll mal-atturi kien hemm ukoll il-qadjiet li kienu jaghmlu l-atturi permezz ta' binhom Francis li ta' kuljun jien jaghlef il-kelb tal-konvenut li nzamm fid-dar tieghu, iwassal lill-attrici l-isptar meta l-konvenut kien rikoverat l-isptar kif ukoll ghax-xiri tal-medicini .

Illi oltre dan l-attrici kienet ghal madwar tlett xhur, xi sentejn ilu tmur tnaddaf u taghmel il-facendi d-dar tal-konvenut .

Illi dawn is-servigi huma retribwibbli nfatti kien l-istess konvenut li offra li jhallas lill-attrici izda s-somma li offra kienet tassew mizera u baxx .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :

1. Tillikwida l-ammont ta' servigi, kuri u assistenzi rezi lill-konvenut okkorrendo permezz ta' periti nominati .

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat skond it-talba precedenti .

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri bonarji l-wahda tal-24 ta' Settembru, 2001 u l-ohra tal-11 ta' Ottubru 2001 kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, konfermata bil-gurament ta' Carmela Bonello .

Rat in-nota ta' l-eccezzonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi:

1. Illi din ic-citazzjoni hija intempestiva, u purament vessatorja u l-ispejjez taghha ghandhom jigu

akkollati lill-atturi. Dan ghaliex l-esponenti konsistement irrikonoxxa illi l-atturi rrendewlu xi servigi u konsistement offra illi jikkumpensa lill-atturi b'mod gust u xieraq ghal tali servigi . L-ammont illi kienu qed jitolbu l-atturi, pero', kien wiehed ezorbitanti ghall-ahhar u meta l-espoenenti rrimarka dan il-fatt u indika ammont aktar xieraq, l-atturi flok irrispondew ghall-proposta tieghu qabdu w intavolaw din il-kawza .

2. Illi effettivament l-ammont illi qeghdin jitolbu l-atturi huwa wiehed gonfjat u esagerat ghall-ahhar, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha inkluz ghajnuna u beneficcji ohra li l-esponenti kien jirrendi lill-atturi, huwa ma ghandux jigi kundannat ihallas lill-atturi ammont akbar minn dak indikat minnu fl-ittri tieghu tal-25 ta' Settembru u tal-15 ta' Ottubru, 2001 .

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat il-verbal taghha tat-2 ta' Gunju 2005 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha.

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jitolbu li, wara li jigi likwidat il-kumpens dovut lilhom ghas-servigi li jallegaw li rrendew lill-konvenut, illum mejjet, il-konvenuti odjerni bhala eredi tieghu jigu kkundannati jhallsuhom l-ammont hekk likwidat ghal dawn is-servigi . Il-konvenut permezz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ma cahadx illi l-atturi haqqhom xi kumpens ta' dak li ghamlu mieghu . Jidhirlu biss illi l-ammont pretiz minnhom huwa wiehed esagerat . Infatti filwaqt illi l-atturi ppretendew Lm8048 (ara Dok. B a fol. 11 tal-process), il-konvenut kien lest ihallashom Lm2000 ( ara Dok. D a fol. 13) .

Dwar id-dritt ta' kumpens ghas-servigi, inghad illi :

"…. *in tema legali l-gurisprudenza taghna hija konkordi fil-principju li fil-kaz ta' servigi jista' jkun dovut kumpens anki jekk ma jkunx pattwit, meta mill-konkors tac-cirkostanzi jidher li l-hlas hu dovut . Gie kemm-il darba ritenut li l-prezunzjoni gratwita m'ghandhiex tkun prezunta, u l-intenzjoni li wiehed jirregala s-servigi tieghu u jirrinunzja ghall-kumpens m'ghandhiex tigi facilment akkolta . Hekk kwalunkwe servigju jigi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens . Dan ghandu japplika b'mod specjali fil-kaz ta' servigi hekk imsejjha di bassa lega, bhal ma huma l-hasil tal-hwejjeg mahmuga u l-facendi tad-dar…* "[1]

Mill-provi prodotti rrizulta illi l-atturi ghamlu perijodu ta' tmien xhur u gimgha mit-8 ta' Jannar 2001 sa l-14 ta' Settembru 2001 jirrendu kuri u assistenzi lil Joseph Sultana, li kien jigi hu l-attrici, meta ngabar fid-dar taghhom . Dan ma kellux tfal, u ghalhekk wara li mietet martu u beda javanza fl-eta', l-piz tal-kura tieghu waqa' fuq l-atturi bhala parentela tieghu .

Ghall-ewwel l-attrici kienet bdiet iddur bih fid-dar tieghu stess fir-Rabat, Ghawdex, billi ghal tliet xhur kull nhar ta' Hadd filghodu kienet tmur ghandu u taghmilu diversi facendi fid-dar u gieli anke ssajjarlu . Ta dan ma kienitx thallset u l-konvenut ikkontenda illi qatt ma talbitu hlas dwar dawn is-servigi . Imma kif gie stabilit fil-gurisprudenza taghna gia citata *omnia labor optat premium*, u l-gratwita qatt m'ghandha tigi presunta . Ghalhekk ta' dan ix-xoghol, minkejja li d-decujuz kien ippretendi li sar *gratis*, l-attrici haqqha kumpens ukoll .

Wara li Joseph Sultana mar joqghod ghand l-atturi, ghax dehrlu li ma kienx ghadu ta' wahdu, nghata kamra ghalieh fid-dar taghhom . L-attrici kienet tippreparalu l-ikel kollu tal-gurnata, tahsillu l-hwejjeg u taghmillu generalment dak kollu li jkollu bzonn biex jghix b'mod decenti, inkluz li

[1] Balzan vs Degiorgio et. 23.2.1959 vol. XLIII.II.649; Axiaq vs Mifsud et. 9.1.1952 vol. XXXVI.III.588; Giuseppppa Spiteri vs Henry Micallef : Qorti t'Ghawdex: 5.3.1974 .

ggiblu l-medicini mill-isptar u twasslu hemm u tiehdu lura kull meta kellu bzonn jigi rikoverat ghal xi zmien . Billi hija ma kienitx issuq, dan l-iskarigg kien isir permezz ta' binha Francis, imma bil-vettura ta' Joseph Sultana li thalliet ghad-dispozizzjoni taghhom . Ghall-istess raguni l-attrici kienet inkarigat lil binha johodlu hsieb ukoll tal-kelb tieghu li nzamm fil-post tar-Rabat u dan billi kien ta' kuljum imur jghalfu u jnaddaflu .

L-attrici tippretedi li tigi rimborsata wkoll sittin lira maltija (Lm60) spejjez tat-testment li huha Joseph Sultana kien ghamel, kemm dam joqghod ghandha . Imma ghalkemm ippromettiet li tipproduci l-ircevuta relattiva ghal dawn l-ispejjez, dan baqghet m'ghamlitux u ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova dwar min tassew ghamel il-hlas relattiv, dan l-ammont mhux ripetibbli .

Nigu ghalhekk ghall-likwidazzoni ta' l-ammont dovut . Ma giet ippruvata bl-ebda mod l-entita' ta' l-eredita' ta' l-imsemmi Joseph Sultana, haga li soltu tkun wahda mill-elementi li jittiehdu in konsiderazzjoni meta tkun qed issir il-likwidazzjoni tal-kumpens . Ghalhekk il-Qorti ma jibqghalha ebda ghazla ghajr li tiffissa l-ammonti dovuti *arbitrio boni viri* a bazi tar-rati li normalment jithallas ghal servizzi ta' din il-kwalita', tenut kont ta' l-entita' ta' dawn is-servigi u z-zmien meta nghataw . Hekk insibu illi :

(i) ghall-perijodu ta' tliet xhur li rrizulta li l-attrici rrendiet servigi lid-*decujus*, fid-dar tieghu, tenut kont illi din kellha tinzel ir-Rabat u terga' lura x-Xaghra fejn toqghod, rata ta' ghaxar liri (Lm10) ghal kull gurnata li fih tat dawn is-servizzi ghandha tkun wahda adegwata, biex ghalhekk qed jigi likwidat ammont ta' mija u ghoxrin lira maltija (Lm120) ghal dan il-fini;

(ii) ghall-perijodu ta' cirka seba' (7) xhur li fih irrizulta li l-attrici kienet tirrendi servigi lid-*decujus* fid-dar taghha, anke permezz ta' l-assistenza ta' binha, bir-rata ta' hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm25) kuljum, qed jigi likwidat kumpens ammontanti fis-somma ta' hames telef mitejn u hamsin lira maltija (Lm5250) ;

(iii) ghal perijodu ta' cirka hames gimghat li d-decujus jidher li ghamel b'kollox rikoverat fl-isptar, fejn allura s-servigi ma kienux ta' l-istess konsistenza bhal

dawk resi fid-dar ta' l-atturi, bir-rata ta' ghaxar liri maltin (Lm10) kuljum, qed jigi likwidat ammont ta' Lm350 .

Jigi ghalhekk illi huwa dovut lill-atturi ghas-servigi resi lid-decujus Joseph Sultana is-somma totali ta' : Lm120 + Lm5250 + Lm350 = Lm5720 .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u

1. tiddikjara illi l-konvenuti konjugi Sultana, bhala eredi tal-mejjet konvenut Joseph Sultana huma tenuti jhallsu lill-atturi kumpens ghas-servizzi, kuri u assistenzi rezi minnnhom lill-istess decujus ;
2. konsegwentement tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi fis-somma ta' hamest'elef seba' mija u ghoxrin lira maltija (Lm5720), u
3. tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammonti hekk likwidati .

Bl-ispejjez, billi rrizulta illi l-ammont originarjament pretiz mill-atturi gie ridott bi kwart, ghandhom jigu ssoportati kwantu ghal tliet kwarti mill-konvenuti u kwart mill-atturi stess .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------